**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 08**

**Data:** **18 ta' Dicembru, 2019**

**Hin:** **9.30am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

08.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

08.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

08.5 Korrispondenza u Rapporti;

08.6 Offerti;

08.7 Xogholijiet u Progetti;

08.8 Attivitajiet tal-Milied;

08.9 Skeda ta' Pagamenti;

08.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## 08.1 Qari tal-ittri ta' apologiji

08.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

08.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

## 08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

08.3.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ikollu diversi attivitajiet matul is-sena li hafna minnhom jiddependu mit-temp. Ghal dan il-ghan huwa ssugerixxa li l-Kunsill jixtri tinda. Tonio Mifsud qal li huwa jaqbel ma' dan is-suggeriment u li huwa importanti li din tkun isservi ghal tul ta' zmien. Is-Sindku ssugerixxa li din it-tinda li tesa' madwar 200 persuna. Tkompliet id-diskussjoni dwar il-materjal jekk ghandux ikun trasparenti jew matt fejn Tonio qal li jekk ikun trasparenti dan jikrieh. Il-Vici Sindku qal li jekk tkun tonda tista' tesa' inqas nies. Il-Kunsill qabel li fil-prezent tista' tinhareg offerta' fis-suq peress li din taqbez l-ammont ta' *direct order*.

08.3.2 Is-Sindku spjega li gie avvicinat mill-Club tal-Water Polo ta' Ghawdex sabiex tigi akkwistata pool temporanja li fil-prezent gewwa Ghawdex hija inesistenti. Tonio Mifsud qal li fl-opinjoni tieghu din mhijiex vijabbli. Is-Sindku zied jghid li fil-prezent din tista' tigi provduta fuq bazi temporanja u huwa ssugerixxa ukoll li jsir ftehim mall-Club tal-Water Polo u dawn ihallsu mizata ghal dan l-uzu. Is-Sindku qal li wara li titlesta' l-pool tar-Rabat din tkun tista' tintuza mit-tfal tal-lokalita'. Ittiehed vot fejn Tonio Mifsud qal li huwa ma jaqbilx ghax mhux vijabbli filwaqt li l-bqija tal-Kunsilliera qablu li l-Kunsill ghandu jfittex jara x'hemm disponibbli fis-suq u jmexxi bix-xiri tal-pool kif propost.

08.3.3 Is-Sindku ssugerixxa li jigi mhejji ktejjeb ta' informazzjoni dwar il-lokalita' ghall-uzu mill-vizitaturi li fih jinkludi informazzjoni utli, dettalji dwar attivitajiet u dettalji ohra simili. Huwa qal li dan jista' jsir spiral bound u jsir fuq bazi permanenti fejn fih ikunu imdahhla dawk l-attivitajiet annwali. Huwa qal li dan jista' jithalla gewwa l-farmhouses ghat-turisti, restaurants u postijiet ohra fejn jehtieg. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u giet imsemmija l-possibilita' li jsiru adverts ta' farmhouses, B&B u simili pero' fl-istess waqt gie innotat li din tista' tkun ta' problema peress li s-sidien jista' jkun li ma jaqblux peress li jkun hemm reklami ta' postijiet ohra. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg offerta' ghal dan il-

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

ktejjeb u min jiehu l-offerta' jkun irid jaghmel rickerka u jikkuntatja lill-businesses hu stess.

08.3.4 Saret referenza ghall-ikla taz-zmien tal-Milied tal-Kunsill fejn is-Sindku talab sabiex din titharrek ghad-29 ta' Dicembru minflok fit-22 ta' Dicembru. Il-Kunsill qabel li l-ikla ssir fid-29 ta' Dicembru.

08.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li resident talab li jixtri wiehed mill-E-Bikes. Il-Kunsill qabel li ikunu jista jixtri wiehed bil-prezz ta' kif inbiegh lill-haddiehor.

08.3.6 Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jesplora kif jista' jsib muturi E-Bikes ghal dawk li ghalqu 16-il sena. Tonio Mifud staqsa dwar jekk kienx hemm diga fondi ghal dan il-ghan. Is-Sindku qal li ghad trid tinstab skema jew jigi identifka mezz ta' kif jistghu jinstabu fondi. Huwa zied jghid li l-ewwel darba kienu inghataw fondi mit-Transport Malta u issa l-Kunsill irid jara kif b'xi mod jissussidja dawn il-muturi. Tonio Mifsud issugerixxa li l-Kunsill japplika ghall-fondi mill-Unjoni Ewropeja pero' gie spjegat li huwa difficli u huwa iktar vijabbli li wiehed isib fondi minn Malta stess. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jara l-ewwel x'hemm disponibbli fis-suq kif ukoll jesplora l-possibilita' li jinxtara 4 wheeler ghall-anzjani possibilment li jkunu jinghalqu. Il-Kunsill qabel li jibda' billi jaghmel ir-ricerka u jibda' l-proceduri sabiex dawn jinxtraw. Fl-istess hin iridu jkunu identifikati dawk li ser jaghlqu s-sittax u dawk li diga ghalquhom u ma kienux intitolati ghalihom sabiex naraw in-numru.

08.3.7 Saret referenza ghall-istudju dwar is-sahha li kien gie diskuss fl-laqgha tal-Kunsill fejn il-Kunsill kien qabel li ssir minn persuna professjonali dwar l-iktar mard li jbghatu bih ir-residenti ta' l-Gharb. Gie spjegat li dan l-istudju kien sar u gie pprezentat waqt il-laqgha. Is-Sindku ssugerixxa li jsiru laqghat dwar il-mard l-iktar li jbghatu bih ir-residenti ta' l-Gharb u anke tal-madwar liema laqghat jistghu jsiru waqt jew parti minn attivitajiet bhal ma' huma l-European Mobility Week. Huwa zied jghid li dawn il-laqghat jistghu jkunu parti mill-kalendarju annwali tal-kunsill. Is-Sindku semma ukoll li l-Kunsill jista' jibghat ittra lill-Arcipriet sabiex jintalab lilu jsiru laqghat simili dwar is-sahha wara laqghat li huwa jkollu mar-residenti. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn qabel li dawn il-laqghat ghandhom isiru minn konsulent jew professjonist. Joseph Mizzi qal li l-kuntatt li kellu huwa ma kienx fuq dan it-tip ta' settur pero' kif jaf b'xi hadd iehor li kien involut. Giet ghalhekk maqbul sabiex fil-kaz javvicina lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu azzjoni u jinbdew dawn il-laqghat.

08.3.8 Is-Sindku ssugerixxa li fil-lokalita' jkun hawn emergency response team. Huwa spjegat li gewwa l-lokalita' kien hemm resident li kienet intiza fuq dan is-suggett. Huwa qal li l-Kunsill jista' johrog sejha ghall-persuna li jkunu interessati li jaghmlu parti minn dan it-tim. Dawn jistghu jiltaqghu kull 4 u 6 xhur ghal sezzjonijiet ta' training. Is-Sindku qal li l-persuni li ser imexxu dan il-group jridu jkunu kwalifikati. Huwa qal li jekk jinqala' xi haga filghaxija jew anzjan isib ruhu f'diffikulta' jkun hemm persuna minn dan it-tim li taghti ghajnuna. Joseph Mizzi

ssugerixxa ukoll li dettalji dwar dan it-tim jistghu jigu inkluzi fuq il-ktejjeb li ssemma precedentament. Il-Kunsill qabel li ghandu jitwaqqaf dan it-tim.

08.3.9 Is-Sindku spjega li kif gie discuss precedentament, il-Kunsill kien applika ghal tlett AED's ghal-lokalita'. Sadanittant il-Kunsill kien gie infurmat li c-CCU kienu ser jipprovdu wiehed li s-Sindku ssugerixxa li jsir fil-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna. Sadanittant il-Kunsill kien informa li huwa interessat fi tnejn u mhux tlieta. Il-Kunsill qieghed ukoll f'komunikazzjoni dwar igib sponsor ghall-AED's.

08.3.10 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Hamis 19 ta' Dicembru li waqt l-attivita' tan-nanniet li ser isir b'kollaborazzjoni mall-iskola, ser ikun hemm prezenti l-kantant popolari Freddie Portelli bejn l-10.30am u 12.00pm. Il-Kunsilliera gew mistiedna sabiex min jixtieq jista' jattendi.

Fuq l-istess suggett gie spjegat li fl-20 ta' Dicembru waqt il-party tat-tfal organizzat mill-iskola l-Kunsill kien ser jikkollabora u bhas-snin precedenti ser jaghti rigal zghir lill-istudenti. Il-Kunsill qabel ma' din l-attivita'.

08.3.11 Is-soltu *party* ghat-tfal tal-lokalita' ghal zmien il-festi tal-Milied ser jerga jsir b' kollaborazzjoni mall-Parrocca fejn il-Kunsill jipprovdi *refreshment* zghir u wara jinghata rigal tal-okkazjoni. Gie spjegat li dan ser isir nhar il-Hadd 22 ta' Dicembru wara l-attivita' li ser titella' fuq il-palk tac-Centru Parrokkjali. Il-Kunsill qabel ma' din l-attivita'.

08.3.12 Saret referenza ghal-laqgha annwali fejn gie spjegat li sal-gurnata l-Kunsill kien ghadu ma rceviex l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2020 u ghaldaqstant il-laqgha annwali ma setghetx issir.

08.3.13 Is-Sindku spjegat li l-Post ta' Triq ta' Sdieri li qieghed f'periklu li jaqa' qed jiehu hsiebu l-avukat tal-Kunsill fejn qed jiddiskuti mad-Dipartiment ta' l-Artijiet u entitajiet ohra biex jaraw x'jista' jsir.

08.3.14 Gie spjegat li aktar tard fil-gurnata kienet ser issir l-attivita' ta' l-Istrina ma' l-E.T. il-President ta' Malta. Saret diskussjoni fejn normalment il-Kunsill iqassam envelopes ghad-donazzjonijiet u kaxxi gewwa l-hwienet ewlenin u knisja biex jingabru l-fondi. Ghal din is-sena peress li kien hemm xi bdil min-naha tal-presidenza l-Kunsill qabel li tinhareg donazzjoni u fl-attivitajiet tax-xhur li gejjin il-Kunsill jiehu hsieb jibgor il-fondi ghall-istrina.

08.3.15 Is-Sindku spjega li huwa iltaqa' ma' Joseph Mizzi fejn flimkien iddiskutew il-bye-laws. Gie spjegat li dawn il-bye-laws issa jridu jigu reklamati fuq il-gazzetta tal-gvern sabiex min jixtieq ikun jista' jigi jarahom u wara jergghu jigu diskussi. Dawn jinkludu bye-lays ta' l-Annimali, Wirt Storiku, Konsum ta' Alkohol f'postijiet pubblici u tat-Transport tan-Nar. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu drafted u jigu reklamanti fuq il-gazzetta tal-Gvern.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Tonio Mifsud issugerixxa li jsir registru li jinkludi fih l-anniversarji tar-rahal. Il-Kunsill qabel li ghandha tinsab persuna li hija intiza f'dan il-qasam sabiex issir bicca xoghol tajba.

## 08.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

08.4.1 Giet trattata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn talab informazzjoni dwar kif baqa' l-Kunsill fuq is-siment li kellha bzonn residenta li toqghod Triq il-Knisja. Gie spjegat li l-haddiema tal-Kunsill kienu diga marru pero' ma sabu lil hadd. Issa jridu jergghu jmorru pero' qabel trid tigi kkuntatjata sabiex tohrog il-karozza.

08.4.2 Giet trattata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn talab informazzjoni dwar kif baqa' l-Kunsill fir-rigward tas-sinjali ta' Sqaq Papa Klement XIV. Is-Sindku spjega li huwa iltaqa' mar-residenti li ghamlu t-talba u dawn kienu qed jitolbu white lines u double yellow lines. Gie spjegat li sadanittant il-Perit kien qed jara dwar kif jista' jsir is-suvey ta' din it-triq inkluz Triq ta' Sdieri u Triq Dun Alwig Mizzi.

08.4.3 Giet trattata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn talab update dwar ix-xogholijiet fuq tindif ta' wires. Is-Sindku wiegeb li m'hemmx update x' jaghti.

08.4.4 Giet trattata mistoqsija dwar kif baqa' l-Kunsill dwar l-Ambaxxatur V16. Gie spjegat li l-ewwel ghazla tal-Kunsill ma kienetx accettata u ghalhekk il-Kunsill kien qieghed f'kuntatt mat-tieni ghazla u qed jistenna risposta.

08.4.5 Giet trattata mistqosija ohra minghand Joseph Mizzi fejn talab update dwar is-sitwazzjoni tal-Playing Fields. Gie spjegat li s-sezzjoni ta' sports taqa' taht ir-responsabilita' tal-Vici Sindku u ghaldaqstant is-Sindku stieden lil Vici Sindku biex jitkellem dwar xi zviluppi li kien hemm. Il-Vici Sindku min-naha tieghu spjega li kien hemm persuni interessati li juzaw il-pitch tal-bocci fejn dawn kienu talbu sabiex tigi inkluza tinda. Is-Sindku qal li l-pitch tal-bocci kienet saret peress li meta kien qed jinbena x-xoghol fil-playing field kien hemm interess li ssir. Il-Vici Sindku qal li l-persuni li kienu interessati li jaghmlu uzu minn dan il-pitch kienu lesti li jixtru l-affarijiet taghhom huma stess. Il-Kunsill innota li fil-prezent kull m'hemm bzonn huwa ta' tindifa u tinda fejn sar qbil li din ghandha ssir bil-kanni u incirata, jizdiedu zewg bankijiet. Il-Kunsill irid ukoll jivverifika mall-perit jekk ghat-tinda jkunx hemm bzonn ta' xi permessi. Joseph Mizzi qal li fejn il-pitch hemm kanal zghir fejn huwa ssugerixxa li ssir xi tip ta' pompa ghal-ilma u ssir xi ghajn. Is-Sindku qal li fir-rigward tal-funtani kienu dejjem joholqu problema u ghaldaqstant huwa issugerixxa li l-ahjar jitpoggew pots tal-fjuri.

08.4.6 Is-Sindku qal li matul is-sena d-diehla ser ikun hemm xi safar ghall-progetti fejn l-ewwel invit qieghed ghas-Sindku u Vici Sindku li ser ikun gewwa San Cassiano bejn il-21 u 25 ta' Jannar.

## 08.5 Korrispondenza u Rapporti

08.5.1 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar dwar applikazzjonijiet ghal permess ta’ zvilupp bin-numri PA9135/19, PA9146/19, PA9228/19 u PA9371/19. Tonio Mifsud staqsa x’kien sar dwar l-oggezjoni ta’ Sqaq l-Arcipriet fejn gie spjegat li kienu gewipprezentati l-oggezjonijiet minghand il-Kunsill, il-bdiewa u mill-Avukat.

**08.6 Offerti**

08.6.1 Saret diskussjoni fir-rigward ta’ l-offerti li kien ghadhom kemm ghalqu u li kienu gew diskussi mill-Bord ta’ Evalwazzjoni. Il-kopja tar-rapport tpogga fuq il-mejda tal-laqghat. L-ewwel offerta’ kienet tal-hitan tas-sejjieh fejn ir-rakkomodazzjoni tal-bord kienet ghall-irhas offerta. Il-Kunsill iddiskuta’ din l-offerta’ u qabel mar-rakkomandazzjoni tal-board li din l-offerta’ tinghata lill-irhas offerta’ li kienet ukoll fil-limitu tal-budget. Il-kuntrattur ghandu jissejah sabiex jikkonfirma t-time frame li fih ser jahdem ix-xogholijiet.

08.6.2 It-tieni offerta kienet tikkoncerna xogholijiet ta’ tarmak fit-toroq fejn gie spjegat li giet sottomessa offerta’ wahda minghand l-istess kuntrattur pero’ kienet €8000 orhos mill-offerta’ precedenti. Gie spjegat li x-xogholijiet li jridu jsiru huma fi Triq il-Madonna tal-Virtut u Triq Tumas Cassar. Is-Sindku spjega li l-Ministeru ghal Ghawdex kienu ser jaghtu ghotja ta’ €68,000 iktar ghax-xogholijiet extra li saru fi Triq il-Madonna tal-Virtut’. Tonio Mifsud staqsa jekk il-Perit kienx iccekja Triq San Pietru. Is-Sindku spjega li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Perit kienu prezenti waqt *site visit* li saret fuq il-post sabiex ikunu certifikati x-xogholijiet imwetqa. Is-Sindku zied jghid li waqt din il-*visit* kienu elenkati x-xogholijiet li kien ghadhom ma sarux u xogholijiet li saru hazin. Il-kuntrattur gie mitlub sabiex jaghmel dak ix-xoghol mehtieg sabiex jinghalaq ix-xoghol u il-Perit ikun jista’ jiccertifika x-xogholijiet. Is-Sindku zied jghid li huwa tal-parir li l-Kunsill ihallas biss la darba x-xogholijiet u l-kontijiet ikunu ccertifikati mill-Perit liema procedura intuzat tul l-amministrzzjonijiet kollha.

Fir-rigward tal-offerta’ tax-xogholijiet tat-toroq gie spjegat li kif issugerixxa l-board il-Kunsill qieghed f’diskussjonijiet mall-kuntrattur sabiex jara jekk il-kuntrattur huwiex lest li jnaqqas ir-rati skond il-FA 2013. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li minkejja dan huwa xorta qed jaqbel li l-kuntratt jigi moghti lill-kuntrattur li ssottometta l-offerta’.

**08.7 Xogholijiet u Progetti**

08.7.1 Dan il-punt gie diskuss aktar kmieni waqt il-laqgha.

**08.8 Attivitajiet tal-Milied**

08.8.1 Dan il-punt gie diskuss aktar kmieni waqt il-laqgha.

**08.9 Skeda ta' Pagamenti**

08.9.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**08.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

08.10.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 29 ta' Jannar, 2019 fit-3pm.

08.10.2 Il-laqgha spiccat fis- 11.08 am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |